MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**SAVIOUR DEMICOLI**

Seduta ta' l-10 ta' Ottubru, 2007

Numru 631/2007

**Il-Pulizija**
**(Spettur Carlo Ellul)**

**vs**

**Charlton Abela**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjoni li permezz taghha Charlton Abela ta’ 26 sena bin Charles u Gemma nee’ Farrugia imwieled il-Pieta’ fit-28/06/1981 u joqghod ‘Giuseppi’, Flat 4 Triq Sant Anton Marsaskala, detentur tal-karta tal-Identita Nru. 0319681M gie akkuzat talli:

Fil-25.12.2006 ghall-habta tal-05.30 a.m., fl-San Giljan, volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, cioe fil-vettura tal-marka Rover li ghandha in-numru tar-Registrazzjoni Nru. ROV-713, liema ammont tal-hsara ma tiskorrix l-elf lira Maltin, imma hija izjed minn hames mitt lira Maltin u liema hsara saret ghad-detriment tas-Sinjur David Borg (I.D. Card No. 0383358M),

Rat l-atti u d-dokumenti esebiti.

Rat il-Kunsens tal-Avukat Generali esebit bhala Dok. CE3 u nnutat li l-imputat Charlton Abela m'ghandhux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja.

Innutat li l-imputat fl-ezami tieghu wiegeb li hu hati tal-akkuza migjuba kontra tieghu.

Il-Qorti wissiet lill-imputat bl-aktar mod solenni rigward il-konsegwenzi tal-ammissjoni tieghu u taghtu ftit taz-zmien sabiex jiddeciedi jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu jew le, u wara li gie mistoqsi jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu jew le, l-imputat rega' wiegeb li hu hati tal-akkuza migjuba kontra tieghu.

Innutat li fil-Verbal tas-Seduta tallum il-parte civile iddikjara li l-imputat hallsu dak kollu dovut rigward dan il-kaz u ghaldaqstant l-istess parte civile iddikjara li m'ghandux pretensjonijiet ohra spettanti lilu ta' natura civili rigward dan il-kaz. Inoltre l-istess parte civile iddikjara li jahfer lill-imputat dwar l-akkadut.

Innutat ukoll li fil-Verbal tas-Seduta tallum l-Ufficjal Prosekutur iddikjara li l-imputat ikkopera bis-shih mal-Pulizija.

Semghet trattazzjoni dwar il-piena.

Rat l-artikoli 325(1)(a) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Issib lill-imputat Charlton Abela, fuq ammissjoni, hati tal-akkuza migjuba kontra tieghu u tenut kont ic-cirkostanzi kollha tal-kaz inkluzi l-fedina penali tal-imputat, l-fatt li l-imputat ammetta fi stadju bikri tal-kawza u dak dikjarat mill-parte civile u kif ukoll dak dikjarat mill-Ufficjal Prosekutur fil-Verbal tas-Seduta tallum kif riportati aktar qabel f'din is-Sentenza tillibera lill-istess imputat Charlton Abela taht il-Provvediment tal-artikolu 22 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien tlett (3) snin millum.

Finalment il-Qorti qed taghti lill-imputat Charlton Abela l-ispjegazzjoni preskritta fis-sub-artikolu 22(3) tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------